MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Numru 473/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvana Agius)**
**vs**
**Sonia Ciantar**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-imputata Sonia Ciantar ta’ 30 sena mart Carmel u bint Andrew Spiteri u Imelda nee’ Cutajar imwielda l-Fgura fis-26 ta’ Ottubru 1970 u residenti ‘Lourdes’, no 23, Flat 4, Cameron Street, Paola detentur ta’ karta ta’ identita numru 1171(m) akkuzata talli:

Fl-4 ta’ Ottubru 2000 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta’ filghaxija (5.30p.m.) gewwa Vjal De La Cruz, Hal Qormi volontarjament hassret jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema ammont huwa ta’ (Lm253.50) li huwa ta’ aktar minn hamsin lira izda anqas minn hames mitt lira fuq il-vettura numru BBA-042 tal-marka Peugeot 106, ghad-dannu tas-sid Mario

Schembri minn Had Dingli, u dan ai termini ta'  l-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputata.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lill-imputata fl-udjenza tallum tirregistra ammissjoni.

Ikkonsidrat li l-imputata ammettiet volontarjament u inkondizjonatament l-akkuzi migjuba kontra taghha u ippersistit f'din l-ammissjoni anka wara li l-Qorti spjegatilha l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u taghta zmien biex tikkonsidra.

Ikkonsidrat li kien hemm risarciment totali tad-danni.

Rat l-artiklu 325(b) tal-Kap 9 u tiddeciedi li tapplika fil-konfront tal-imputata l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor zmien 6 xhur millum.

-------------------------------TMIEM-------------------------------